

Il-Ġurnal Uffiċjali C 99 A tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

30 ta' Marzu 2017

Werrej

V Avviżi

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO)

2017/C 099 A/01

Avviż ta' Kompetizzjoni Ġenerali EPSO/AD/338/17 — Amministraturi (AD 5) 1

MT

V

(Avviżi)

PROĊEDURI AMMINISTRATTIVI

L-UFFIĊĊJU EWROPEW GĦAS-SELEZZJONI TAL-PERSUNAL (EPSO)

AVVIŻ TA' KOMPETIZZJONI ĠENERALI

EPSO/AD/338/17

Amministraturi (AD 5)

(2017/C 099 A/01)

Id-data tal-għeluq għar-reġistrazzjoni: it-3 ta' Mejju 2017 f'12:00 (nofsinhar), CET

L-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) qed jorganizza kompetizzjoni ġenerali, ibbażata fuq testijiet, sabiex tinħoloq lista ta' riżerva u li minnha l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea jistgħu jirreklutaw membri ġodda tas-servizz pubbliku bħala **"amministraturi"** (grupp ta' funzjoni AD).

Dan l-avviż ta' kompetizzjoni u l-annessi tiegħu jiffurmaw il-qafas legalment vinkolanti għal din il-proċedura ta' selezzjoni.

Ara l-ANNEX II biex taqra r-regoli ġenerali li jirregolaw il-kompetizzjonijiet ġenerali.

L-għadd mixtieq ta' kandidati magħżula: **124**

LIEMA KOMPITI GĦANDI NISTENNA LI NAGĦMEL?

Ir-rwol ġenerali tal-amministraturi huwa li jagħtu appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fit-tweqqif tal-missjoni tal-istituzzjoni jew tal-entità tagħhom.

L-AD 5 huwa l-grad li fih l-iżjed gradwati jibdeu il-karriera tagħhom bħala amministraturi fl-istituzzjonijiet Ewropej.

Jekk wara din il-kompetizzjoni tiġi rreklutat, bħala parti minn tim, inti twettaq wieħed minn tliet tipi ewlenin ta' xogħol fl-istituzzjonijiet tal-UE:

1. it-tfassil tal-politika,
2. il-funzjoni operazzjonali,
3. il-ġestjoni tar-riżorsi.

Ara l-ANNEX I għal aktar informazzjoni dwar id-dmirijiet tipiċi li għandhom jitwettqu.

JIEN ELIĠIBBLI BIEK NAPPLIKA?

Il-formola tal-applikazzjoni hija maqsuma f'żewġ (2) partijiet, li kull waħda minnhom għandha l-iskadenza tagħha, deskritti hawn taħt. Trid tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet KOLLHA meta tivvalida **l-ewwel parti tal-applikazzjoni onlajn tiegħek**.

1) Kundizzjonijiet ġenerali:

— Tkun tgawdi mid-drittijiet kollha bħala ċittadin ta' Stat Membru tal-UE

- Tkun wettaqt kull obbligu impost mil-liġijiet nazzjonali dwar is-servizz militari
- Tkun tissodisfa r-rekwiżiti ta' karattru mitluba għat-twettiq tad-dmirijiet involuti.

2) *Kundizzjonijiet speċifiċi – lingwi:*

Irid ikollok għarfien ta' **mill-inqas żewġ (2) lingwi uffiċjali tal-UE**; b'għarfien profund (livell C1) f'tal-anqas waħda minnhom u għarfien sodisfaċenti fl-oħra (livell minimu B2).

Għal informazzjoni dwar il-livelli tal-lingwa, ara l-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (<http://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>)

F'dan l-avviż ta' kompetizzjoni nagħmlu referenza għal-lingwi bħala:

- Lingwa 1: il-lingwa użata għat-testijiet b'Għażliet Multipli bbażati fuq il-kompjuter
- Lingwa 2: il-lingwa użata għat-tieni parti mill-formola ta' applikazzjoni, fl-eżerċizzju e-tray, fiċ-ċentru ta' valutazzjoni u fil-komunikazzjoni bejn l-EPPO u l-kandidati li ppreżentaw applikazzjoni valida. Din il-lingwa trid tkun differenti mill-lingwa 1.

Għall-iskop ta' din il-kompetizzjoni, l-EPPO beħsiebu joffri bħala lingwa 2 **il-ħames (5) lingwi ddikjarati l-iktar spiss minn kandidati** fil-livell B2 jew ogħla fl-ewwel parti tal-formola tal-applikazzjoni tagħhom, **filwaqt li jikkunsidra wkoll il-ħtiġijiet tas-servizzi kif deskritt hawn taħt.**

Għalfiex għandi nagħżel il-lingwa 2 tiegħi minn numru limitat ta' lingwi?

Għal raġunijiet prattiċi u ta' organizzazzjoni, mhuwiex fattibbli li jiġi offrut ittestjar f' 24 lingwa f'kull stadju tal-kompetizzjoni. Il-metodoloġija taċ-ċentru ta' valutazzjoni tirrikjedi, b'mod partikolari, li l-kandidati jaħdmu fi gruppi u jiġu vvalutati permezz ta' bord tas-selezzjoni komuni kompost minn numru limitat ta' membri, sabiex jiġi żguratt trattament ugwali.

Barra minn hekk, sabiex tiġi żgurata l-uniformità fit-tqabbil tal-kandidati u fil-verifika tal-formoli tal-applikazzjoni tagħhom, l-EPPO u l-Bord tas-Selezzjoni jaħdmu f'għadd limitat ta' lingwi funzjonali.

Fl-aħħar nett, jinħtieġ li l-isforz u r-riżorsi għal kull lingwa addizzjonali jkunu proporzjonali mal-għadd ta' kandidati supplimentari li jistgħu japplikaw għall-kompetizzjoni jekk tiġi offruta lingwa addizzjonali.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-EPPO u l-istituzzjonijiet tal-UE qablu li sa massimu ta' ħames (5) lingwi jistgħu jiġu offruti bħala lingwa 2.

Għal dawn l-istess raġunijiet, huwa raġonevoli li tiġi limitata l-lingwa ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati li ppreżentaw applikazzjoni valida u l-istituzzjonijiet, inkluża l-lingwa li biha jiġu abbozzati l-applikazzjonijiet, għal-lingwa 2 magħżula minn kull kandidat.

Kif għandhom jiġu stabbiliti l-lingwi li għandhom jintgħażlu bħala lingwa 2?

L-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġu li r-reklutati l-ġodda jkunu immedjatament kapaċi li jikkomunikaw b'mod effiċjenti fil-ħidma tagħhom ta' kuljum b'firxa wiesgħa ta' rappreżentanza tal-kollegi tagħhom, il-partijiet interessati u ċittadini oħra. Il-funzjonament effiċjenti tal-istituzzjoni jkun friskju li jiddgħajjef serjament jekk dan ma jkunx il-każ.

Sabiex jiġi inkluż massimu ta' applikanti li għandhom waħda mill-ħames lingwi funzjonali permessa għal dan ta' hawn fuq, il-kandidati huma mistiedna jiddikjaraw l-ilsna uffiċjali kollha tal-UE li fihom għandhom għarfien fil-livell minimu meħtieġ. L-EPPO mbagħad jikkonsolida kull applikazzjoni vvalidata sal-ewwel skadenza biex jikklassifika l-lingwi ddikjarati fil-livell B2 jew ogħla f'ordni li jiċkien u jqabbel dawn mal-ħtiġijiet tas-servizzi sabiex jiżgura sitwazzjoni adattata. Il-ħames (5) lingwi li fihom l-e-tray u ċ-ċentru ta' valutazzjoni jsiru (il-lingwa 2) jiġu stabbiliti fuq din il-bażi mill-EPPO li jaġixxi bħala l-Awtorità tal-Ħatra u jiġi kkomunikati lilek **fi żmien qasir wara d-data tal-għeluq tar-reġistrazzjoni.**

3) *Kundizzjonijiet speċifiċi – kwalifiki u esperjenza tax-xogħol:*

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal **mill-inqas tliet (3) snin** ta' studji universitarji li tlestew, iċċertifikati b'diploma (li trid tingħata sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2017)

Ara l-ANNEX III għal eżempji ta' kwalifiki minimi

- L-ebda esperjenza professjonali mhi meħtieġa.

KIF NINTGĦAŻEL?**1) Il-proċess ta' applikazzjoni**

Il-formola tal-applikazzjoni hija maqsuma f'żewġ partijiet:

- (i) l-ewwel parti għandha titlesta sad-data tal-iskadenza għar-reġistrazzjoni msemmija f'dan l-avviż. Meta timla l-ewwel parti tal-formola ta' applikazzjoni, inti tinalab tikkonferma l-eliġibbiltà tiegħek għall-kompetizzjoni u tindika **l-livell ta' għarfien tiegħek ta' kull lingwa uffiċjali tal-UE li inti utent indipendenti tagħha fil-livell B2 jew ogħla (iridu jiġu ddikjarati minimu ta' żewġ (2) lingwi)**. Ftit wara l-iskadenza għar-reġistrazzjoni, il-ħames (5) lingwi għall-e-tray u għaċ-ċentru ta' valutazzjoni jiġu kkomunikati lilek. Tista' timla din il-parti tal-formola ta' applikazzjoni f'kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE.

Bil-validazzjoni tal-ewwel parti tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek, tkun qed tiddikjara fuq l-unur tiegħek li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha msemmija taħt it-taqsimha "Jien eliġibbli biex napplika?"

- (ii) Jekk, fl-ewwel parti tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek tal-inqas waħda mil-lingwi li ddikjarajt li għandek għarfien fl-livell B2 jew iktar hija fost **il-ħames (5) lingwi** offruti bħala lingwa 2, tiġi mistieden sabiex timla t-tieni parti mill-formola ta' applikazzjoni fil-**lingwa li għażilt bħala l-lingwa 2 tiegħek** (ara t-taqsimha "Kundizzjonijiet speċifiċi – lingwi"). L-istedina tistabbilixxi skadenza obbligatorja għat-tlestija ta' din il-parti. Hawnhekk tkun mistoqsi tipprowdi aktar informazzjoni rilevanti għal din il-kompetizzjoni (pereżempju diplomi jew esperjenza ta' xogħol). Ikollok tagħżel il-lingwi 1 u 2 tiegħek waħda minn fost il-lingwi li tkun diġà ddikjarajt fl-ewwel parti tal-formola ta' applikazzjoni. Il-lingwa 1 tiegħek tista' tkun waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-UE, u l-lingwa 2 tiegħek ħa fost il-ħames (5) lingwi offruti. Jekk, min-naħa l-oħra, ma ddikjarajt l-ebda waħda mill-ħames (5) lingwi offruti tiġi skwalifikat mill-kompetizzjoni.

Ladarba tkun invalidajt parti tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek, ma tkunx tista' tagħmel bidliet oħra.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tara li timla u tivvalida l-ewwel u t-tieni partijiet tal-applikazzjoni tiegħek **sal-iskadenzi rispettivi**.

2) Testijiet ta' Mistoqsijiet b'Għażla Multipla (MCQ) fuq il-kompjuter

Jekk tivvalida t-tieni parti tal-formola tal-applikazzjoni tiegħek fil-lingwa 2 tiegħek fi żmien l-iskadenza, tiġi mistieden sabiex tagħmel serje ta' testijiet MCQ bil-kompjuter f'wieħed miċ-ċentri akkreditati tal-EPPO.

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, **trid tibbukja** appuntament għat-testijiet MCQ skont l-istruzzjonijiet mill-EPPO. Tipikament, tiġi offrut diversi dati li fihom inti tista' tagħmel it-testijiet, f'diversi postijiet. Il-perjodi tal-ibbukjar u l-ittestjar **huma limitati**.

It-testijiet MCQ bil-kompjuter ikunu organizzati kif ġej:

| It-testijiet | Lingwa | Mistoqsijiet | Tul ta' ħin | Immarkar | Marka minima meħtieġa |
|---------------------|---------------|---------------------|--------------------|-----------------|------------------------------|
| Raġunament verbali | Lingwa 1 | 20 mistoqsija | 35 minuta | Sa 20 punt | 10/20 |
| Raġunament numeriku | Lingwa 1 | 10 mistoqsijiet | 20 minuta | Sa 10 punt | 5/10 |
| Raġunament astratt | Lingwa 1 | 20 mistoqsija | 20 minuta | Sa 20 punt | 10/20 |

Ir-riżultati tat-test tar-raġunament numeriku **ma jitqisux** fil-kalkolu tal-marka MCQ globali tiegħek; madankollu, trid iġġib il-marki minimi meħtieġa fit-testijiet kollha u tikseb waħda mill-**ogħla marki totali kkombinati** għat-testijiet ta' raġunament verbali u astratt sabiex tkun tista' tikkwalifika għall-fażi li jmiss tal-kompetizzjoni.

Bejn wieħed u l-ieħor 15-il darba, iżda mhux aktar minn 20 darba, in-numru ta' kandidati li jgħaddu jiġu mistiedna għall-fażi li jmiss tal-kompetizzjoni. In-numru eżatt jiġi definit mid-Direttur tal-EPPO bħala Awtorità tal-Ħatra u jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-EPPO qabel ma jintbagħtu l-istediniet għall-eżerċizzju tal-e-tray.

3) *It-test intermedjarju: l-eżerċizzju e-tray*

Jekk int għaddej t mit-testijiet MCQ bil-kompjuter, u għandek waħda mill-**ogħla marki kkombinati totali** fit-testijiet tar-
raġunament verbali u astratt, tiġi mistieden sabiex tagħmel l-eżerċizzju e-tray fil-**lingwa 2** tiegħek f'wieħed miċ-ċentri
akkreditati tal-EP SO.

L-eżerċizzju e-tray huwa magħmul minn bejn 15 u 25 mistoqsija u jivvaluta erba' kompetenzi ġenerali kif deskritti fil-
matriċi tal-kompetenza fil-punt 5. Kull kompetenza tiġi mmarkata sa massimu ta' 10 punti. Trid tikseb waħda mill-**ogħla
marki totali kkombinati** għal dan l-eżerċizzju sabiex tikkwalifika għall-fażi li jmiss tal-kompetizzjoni.

4) *Kontrolli tal-eliġibbiltà*

Il-kundizzjonijiet kollha msemmija taħt it-taqsimha "Jien eliġibbli biex napplika?" hawn fuq jiġu ċċekkjati mad-*data*
pprovduta fl-applikazzjonijiet onlajn tal-kandidati. L-EP SO jiċċekkja jekk tissodisfax il-kundizzjonijiet ġenerali tal-eliġibbiltà
filwaqt li l-Bord ta' Selezzjoni jivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi tal-eliġibbiltà.

L-applikazzjonijiet tal-kandidati jiġu ċċekkjati għall-eliġibbiltà f'ordni li jikkien tal-marki totali miksuba fl-eżerċizzju tal-
e-tray sakemm l-għadd ta' kandidati eliġibbli jilħaq in-numru ta' kandidati li għandhom jiġu mistiedna biex jagħmlu t-testijiet
fiċ-ċentru ta' valutazzjoni. Il-fajls l-oħrajn ma jiġux iċċekkjati. **Bejn wieħed u ieħor darbtejn (2), iżda mhux aktar minn
2,5 darba**, in-numru ta' kandidati li jgħaddu meħtieġa jiġu mistiedna sabiex jagħmlu t-testijiet fiċ-ċentru ta' valutazzjoni.

5) *Ċentru ta' valutazzjoni*

Jekk tissodisfa r-rekwiżiti tal-eliġibbiltà skont id-*data* fl-applikazzjoni onlajn tiegħek u jekk għandek waħda mill-**ogħla
marki totali kkombinati** fl-eżerċizzju tal-e-tray, tiġi mistieden sabiex tagħmel ġurnata (1) jew tnejn (2) f'ċentru ta'
valutazzjoni, x'aktarx fi **Brussell**, sabiex tagħmel it-testijiet fil-**lingwa 2** tiegħek.

Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, trid iġġib miegħek id-dokumenti ta' sostenn (oriġinali jew kopji ċċertifikati) għaċ-
ċentru ta' valutazzjoni. L-EP SO jiskennjahom matul it-testijiet fiċ-ċentru ta' valutazzjoni tiegħek u jagħtihomlok lura fl-
istess ġurnata.

Fiċ-ċentru ta' valutazzjoni, permezz ta' **erba' testijiet** (studju ta' każ, preżentazzjoni orali, intervista bbażata fuq il-
kompetenza u eżerċizzju fi grupp), jiġu evalwati b'kollox tmien kompetenzi ġenerali. Il-marki li wieħed iġib f'dawn it-
testijiet jingħaddu flimkien mal-marki tal-e-tray li jkun diġà nkisbu sabiex tinkiseb il-marka globali minn 0 sa 80, skont il-
matriċi li ġejja:

| Kompetenza | It-testijiet | |
|---|--|--------------------------------------|
| 1. Analiżi u soluzzjoni tal-problemi | Preżentazzjoni orali | e-tray |
| 2. Komunikazzjoni | Preżentazzjoni orali | Studju ta' każ |
| 3. Kwalità u riżultati | Studju ta' każ | e-tray |
| 4. Tagħlim u żvilupp | Eżerċizzju fi grupp | Intervista bbażata fuq il-kompetenza |
| 5. Prijoritizzazzjoni u organizzazzjoni | Eżerċizzju fi grupp | e-tray |
| 6. Reżiljenza | Preżentazzjoni orali | Intervista bbażata fuq il-kompetenza |
| 7. Ħidma ma' oħrajn | Eżerċizzju fi grupp | e-tray |
| 8. Ħiliet ta' tmexxija | Eżerċizzju fi grupp | Intervista bbażata fuq il-kompetenza |
| Marki minimi meħtieġa | 3/10 għal kull kompetenza u 50/80 b'kollox | |

6) Lista ta' riżerva

Wara li jiċċekkja l-eliġibilità tal-kandidati mad-dokumenti ta' sostenn tagħhom, il-bord tas-selezzjoni jistabbilixxi lista ta' riżerva – sakemm jintlaħaq l-għadd meħtieġ ta' kandidati li għaddew – minn dawk il-kandidati eliġibbli li jkunu kisbu l-marki minimi meħtieġa kollha kif ukoll l-ogħla marki wara ċ-ċentru ta' valutazzjoni. L-ismijiet jiġu elenkati f'ordni alfabetiku.

Il-lista ta' riżerva u l-passaporti ta' kompetenza, li jagħtu rispons kwalitattiv mill-Bord tas-Selezzjoni, tal-kandidati ta' suċċess ikunu disponibbli għall-istituzzjonijiet Ewropej fil-proċeduri ta' reklutaġġ u l-iżvilupp futur tal-karriera. L-inklużjoni f'lista ta' riżerva **ma tfissirx li għandek xi dritt jew garanzija ta' reklutaġġ.**

FEJN U META NISTA' NAPPLIKA?

Sabiex tapplika, l-ewwel trid toħloq kont tal-EPPO. Innota li tista' toħloq kont tal-EPPO wieħed biss għal kull applikazzjoni tal-EPPO.

L-ewwel skadenza: applika onlajn fuq is-sit tal-EPPO <http://jobs.eu-careers.eu> sat:-

3 ta' Mejju 2017 f'12.00 (nofsinhar), CET

Il-perjodu li matulu t-tieni parti tal-formola ta' applikazzjoni għandha timtela jiġi kkomunikat ftit wara l-ewwel data ta' skadenza għal dawk il-kandidati mistednin biex jikkompletawha.

ANNEX I

KOMPITI

Id-dmirijiet ewlenin tal-kandidati li jgħaddu u li jiġu reklutati mil-lista ta' riżerva ta' din il-kompetizzjoni jistgħu jvarjaw minn istituzzjoni għal oħra, u jinkludu:

1. It-tfassil u l-iżvilupp tal-politiki

- It-twettiq tal-analiżi u t-tfassil ta' politiki fl-oqsma ta' azzjoni tal-UE;
- Is-segwiment u l-kontribuzzjoni b'mod proattiv għall-implimentazzjoni tal-politika f'politiki settorjali speċifiċi, u l-abbozzar ta' noti ta' analiżi politika u ta' tgħarrif;
- Li jagħtu appoġġ lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet permezz ta' kontributi miktuba jew orali.

2. Il-funzjoni operattiva

- It-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-programmi u tal-pjanijiet ta' azzjoni;
- Il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-Istati Membri u ma' gruppi ta' interess esterni;
- Is-segwiment tal-koordinazzjoni bejn is-servizzi u l-istituzzjonijiet u l-konsultazzjoni dwar il-politiki Ewropej;
- Il-koordinazzjoni ta' gruppi ta' ħidma stabbiliti mill-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-partijiet interessati esterni l-oħra;
- L-abbozzar ta' kuntratti, il-preparazzjoni ta' sejħiet għall-proposti u sejħiet għall-offerti, u sehem fil-monitoraġġ ta' proposti u proġetti;
- Il-kontribuzzjoni fil-komunikazzjoni esterna kif ukoll fir-rapportar u l-komunikazzjoni interna.

3. Ġestjoni tar-riżorsi

- Il-ġestjoni tar-riżorsi inkluż il-persunal, il-finanzi u t-tagħmir;
- Il-monitoraġġ tal-proċeduri amministrattivi, finanzjarji u baġitarji;
- Il-parteċipazzjoni fil-preparazzjoni tal-estimi baġitarji u fit-tfassil ta' rapporti u kontijiet annwali;
- Il-ġestjoni ta' riskji operattivi, strateġiċi, soċjali u baġitarji.

Tmiem tal-ANNEX I, ikklikkja hawnhekk biex tmur lura għat-test prinċipali.

ANNEX II

REGOLI ĠENERALI LI JIRREGOLAW IL-KOMPETIZZJONIJIET ĠENERALI

INFORMAZZJONI ĠENERALI

Kull referenza, fil-qafas ta' proċeduri ta' selezzjoni organizzati mill-EPPO, għal persuna ta' ġeneru speċifiku trid tkun ikkunsidrata wkoll li tikkostitwixxi referenza għal persuna ta' kull ġeneru ieħor.

Jekk kandidati jiksbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli f'kull stadju tal-kompetizzjoni, dawn kollha jgħaddu għall-istadju li jmiss tal-kompetizzjoni. Kull kandidat imdaħħal mill-ġdid wara appell b'suċċess jiġi mistieden għall-istadju li jmiss.

Jekk kandidati jkunu kisbu l-istess marka għall-aħħar post disponibbli fil-lista ta' riżerva, dawn jiġu inklużi kollha fil-lista ta' riżerva. Kull kandidat imdaħħal mill-ġdid wara appell b'suċċess f'dan l-istadju tal-proċedura jiżied ukoll mal-lista ta' riżerva.

1. MIN JISTA' JAPPLIKA?

1.1. Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi

Il-kundizzjonijiet ġenerali u speċifiċi (inkluż l-għarfien tal-lingwi) għal kull qasam jew profil huma indikati fit-taqsim "Jien eliġibbli biex napplika?".

Il-kundizzjonijiet speċifiċi rigward il-kwalifiki, l-esperjenza professjonali u l-għarfien tal-lingwi jvarjaw skont il-profil mitlub. Fl-applikazzjoni tiegħek, jinħtieġ li tinkludi kemm jista' jkun informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tiegħek (fejn meħtieġ) kif deskritt fit-taqsim "Jien eliġibbli biex napplika?" ta' dan l-avviż **li hija rilevanti għall-kompiti**.

(a) **Diplomi u/jew ċertifikati:** Diplomi, kemm jekk maħruġa f'pajjiżi tal-UE u kemm jekk le, jinħtieġ li jiġu rikonoxxuti minn korp uffiċjali ta' Stat Membru tal-UE, pereżempju Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Stat Membru tal-UE. F'dan ir-rigward, il-bord tas-selezzjoni jqis id-differenzi bejn is-sistemi tal-edukazzjoni.

Għall-edukazzjoni postsekondarja u taħriġ tekniku, professjonali jew speċjalizzat, indika s-suġġetti koperti, it-tul ta' żmien u jekk dan kienx kors full-time, kors part-time jew kors ta' filgħaxija.

(b) **L-esperjenza professjonali** (jekk meħtieġa), titqies biss jekk tkun rilevanti għall-funzjonijiet meħtieġa u:

— tikkostitwixxi xogħol ġenwin u effettiv;

— tkun imħallsa;

— tkun tinvolvi relazzjoni ta' subordinazzjoni jew il-forniment ta' servizz; u

— tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

— **ħidma volontarja:** jekk imħallsa u tinvolvi ħinijiet fil-ġimgħa u tul bħal impjeg normali;

— **apprendistati:** jekk imħallsa;

— **servizz militari obligatorju:** magħmul qabel jew wara d-diploma meħtieġa għal perjodu li ma jaqbiżx id-durata statutorja fl-Istat Membru tiegħek;

— **liv tal-maternità/tal-paternità/tal-adozzjoni:** jekk kopert minn kuntratt ta' impjeg;

— **dottorat:** għal perjodu massimu ta' tliet snin, bil-kundizzjoni li d-dottorat ikun effettivament inkiseb, u jekk ix-xogħol kienx imħallas jew le; kif ukoll

— **xogħol part-time:** ikkalkulat *pro rata* skont in-numru ta' s'għat maħduma, pereżempju half-time għal sitt xhur ikun jiswa daqs tliet xhur.

1.2. Dokumenti ġustifikattivi

Fl-istadji differenti tal-proċedura tas-selezzjoni, ikollok tipprovdi dokument uffiċjali li juri ċ-ċittadinanza tiegħek (pereżempju passaport jew karta tal-identità) li jrid ikun validu fid-data tal-għeluq tal-ewwel parti tal-applikazzjoni tiegħek.

Il-perjodi kollha ta' attività professjonali jridu jkunu koperti minn oriġinali jew fotokopji ċertifikati ta':

- **dokumenti minn impjegatur(i) fil-passat kif ukoll mill-impjegatur(i) attwali** li jiddikjaraw in-natura u l-livell tad-dmirijiet imwettqa, id-dati tal-bidu u tat-tmiem, it-timbru uffiċjali tal-kumpanija u l-isem u l-firma tal-persuna responsabbli; jew
- **il-kuntratt(i) tax-xogħol flimkien mal-ewwel u l-aħħar irċevuta tal-paga**, b'deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet imwettqa;
- (għal xogħol mingħajr paga fissa pereżempju impjeg għal rasek jew professjonijiet liberali) **fatturi jew formoli ta' ordnijiet** li jiddeskrivu x-xogħol imwettaq jew kull tip ta' dokument uffiċjali ta' prova ieħor rilevanti;
- (għall-interpreti ta' konferenzi, fejn l-esperjenza professjonali hija meħtieġa) dokumenti li juru **l-għadd ta' jiem**, u **l-lingwi interpretati** minn u lejn, relatati speċifikament mal-interpretazzjoni ta' konferenzi.

B'mod ġenerali, ma huma meħtieġa l-ebda dokumenti ta' prova sabiex tipprowa l-għarfien tiegħek tal-lingwi, ħlief għal ċerti kompetizzjonijiet għal lingwisti jew speċjalisti.

Tista' tinalab informazzjoni jew dokumenti addizzjonali f'kull stadju tal-proċedura. L-EPPO jinfurmak liema dokumenti ta' sostenn għandek b'żonn tipprovdi u meta.

1.3. Opportunitajiet indaqs u aġġustamenti speċjali

Jekk għandek diżabbiltà jew kundizzjoni medika li tista' tfixkel l-abbiltà tiegħek li tagħmel it-testijiet, indika dan fl-applikazzjoni tiegħek u għarrafna bit-tip ta' aġġustamenti speċjali li għandek b'żonn. Jekk diżabbiltà jew kundizzjoni tiżviluppa wara l-iskadenza għall-applikazzjonijiet, trid tinforma lill-EPPO malajr kemm jista' jkun billi tuża l-informazzjoni indikata hawn taħt.

Innota li jkollok tibgħat ċertifikat mill-awtorità nazzjonali tiegħek jew ċertifikat mediku lill-EPPO sabiex it-talba tiegħek tittieħed inkunsiderazzjoni. Id-dokumenti ta' sostenn tiegħek jiġu eżaminati, b'tali mod li l-akkomodazzjoni raġonevoli tista' ssir meta dan ikun meħtieġ.

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil EPPO-accessibility team permezz ta':

- posta elettronika (EPPO-accessibility@ec.europa.eu);
- faks (+ 32 2 299 80 81); jew
- posta:

European Personnel Selection Office (EPPO)
EPPO accessibility
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

2. MINN MIN NIĠI VVALUTAT?

Jiġi maħtur bord tas-selezzjoni biex iqabbel lill-kandidati u jagħżel l-aħjar fosthom fuq il-bażi tal-kompetenzi, il-ħiliet u l-kwalifiki tagħhom fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-avviż tal-kompetizzjoni. Il-membri tiegħu jiddeterminaw ukoll il-livell ta' diffikultà tat-testijiet tal-kompetizzjoni u japprovaw il-kontenut tagħhom abbażi tal-proposti magħmula mill-EPPO.

Sabiex tiġi garantita l-indipendenza tal-bord tas-selezzjoni, huwa strettament ipprojbit għall-kandidati jew kull persuna barra mill-bord li tipprowa tagħmel kuntatt ma' wieħed mill-membri tiegħu, ħlief fil-kuntest tat-testijiet li jeħtieġu interazzjoni diretta bejn il-kandidati u l-bord.

Il-kandidati li jixtiequ jesprimu l-fehma tagħhom jew jaffermaw id-drittijiet tagħhom għandhom jagħmlu dan bil-miktub, billi jindirizzaw il-korrispondenza għall-attenzjoni tal-bord tas-selezzjoni lill-EPPO, li mbagħad jgħaddiha lill-bord. L-interventi kollha diretti jew indiretti tal-kandidati li jsiru mingħajr ma jiġu segwiti dawn il-proċeduri huma pprojbiti u jistgħu jwasslu għall-esklużjoni mill-kompetizzjoni.

L-eżistenza ta' relazzjoni familjari jew rabta ġerarkika bejn kandidat u membru tal-bord tas-selezzjoni, b'mod partikolari, tagħti lok għal konflitt ta' interess. Il-bordijiet tas-selezzjoni huma mitluba jiddikjaraw kull sitwazzjoni bħal din lill-EPPO immedjatament meta jsiru jafu bihom. L-EPPO jevalwa kull każ individwalment u jieħu l-miżuri xierqa. In-nuqqas ta' rispett tar-regoli msemmija hawn fuq jista' jagħmel lill-membri tal-ġurija suġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u jirriżulta fi skwalifika mill-kompetizzjoni għall-kandidati (ara t-Taqsima 4.4).

L-ismijiet tal-membri tal-ġurija huma ppubblikati fuq is-sit web tal-EPPO (www.eu-careers.eu) qabel il-bidu taċ-ċentru/fażi ta' valutazzjoni.

3. KOMUNIKAZZJONI

3.1. Komunikazzjoni mal-EPPO

Jinħtieġ li tikkonsulta l-kont tal-EPPO tiegħek **tal-inqas darbtejn fil-ġimgħa** biex iżżomm kont tal-progress tiegħek matul il-kompetizzjoni. Jekk ma tkunx tista' tagħmel dan minħabba problema teknika min-naħa tal-EPPO, għandek tinnotifika lill-EPPO immedjatament.

- preferibbilment permezz tat-taqsima “ikkuntattjana” tas-sit web tal-EPPO (www.eu-careers.eu); jew
- bit-telefown lil Europe Direct (00 800 67 89 10 11); jew
- bil-posta:

European Personnel Selection Office (EPPO)
Avenue de Cortenbergh/Kortenberglaan 25
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

L-EPPO jirriżerva d-dritt li ma jagħtix informazzjoni li diġà hija ddikjarata b'mod ċar f'dan l-avviż tal-kompetizzjoni, fl-annessi tiegħu jew fis-sit web tal-EPPO inkluż fil-“mistoqsijiet li jsiru ta' spiss”.

F'kull korrispondenza relatata ma' applikazzjoni, semmi **ismek** kif mogħti fil-kont EPPO tiegħek, in-**numru tal-applikazzjoni** tiegħek u n-**numru ta' referenza tal-proċedura tas-selezzjoni**.

L-EPPO japplika l-prinċipji tal-kodiċi ta' mġiba amministrattiva tajba http://ec.europa.eu/transparency/code/index_mt.htm (kif ippubblikat f'Il-Ġurnal Uffiċjali). Għaldaqstant, L-EPPO jirriserva d-dritt li jwaqqaf kull korrispondenza mhux xierqa (jiġifieri ripetittiva, abbużiva u/jew irrelevanti).

3.2. Aċċess għall-informazzjoni

Il-kandidati għandhom drittijiet speċifiċi ta' aċċess għal ċerta informazzjoni li tikkonċerna lilhom personali, mogħtija fid-dawl tal-obbligu ta' motivazzjoni, sabiex ikun jista' jsir appell kontra deċiżjoni ta' rifjut.

Dan l-obbligu ta' motivazzjoni jrid ikun ibbilanċjat mal-kunfidenzjalità tal-proċedimenti tal-bord tas-selezzjoni, li jiżgura l-indipendenza tal-bord u l-oġġettività tas-selezzjoni. Minħabba l-kunfidenzjalità, l-attitudnijiet adottati mill-membri tal-bordijiet tas-selezzjoni dwar il-valutazzjonijiet individwali jew komparattivi tal-kandidati ma jistgħux jiġu żvelati.

Dawn id-drittijiet ta' aċċess huma speċifiċi għall-kandidati f'kompetizzjoni ġenerali u l-leġiżlazzjoni dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tista' ma tagħthomx drittijiet usa' minn dawk speċifikati f'din it-taqsima.

3.2.1. Żvelar awtomatiku

Se **tirċievi awtomatikament** l-informazzjoni li ġejja permezz tal-kont tiegħek tal-EPPO wara kull stadju tal-proċess ta' selezzjoni organizzat għal kompetizzjoni partikolari:

- **It-testijiet MCQ:** ir-riżultati tiegħek u tabella bit-tweġibiet tiegħek u t-tweġibiet korretti skont in-numru ta' referenza/l-ittra. L-aċċess **għat-test tal-mistoqsijiet u t-tweġibiet huwa eskluż espliċitament;**
- **eliġibbiltà:** jekk ġejtx ammess; jekk le, il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà li ma kinux issodisfati.
- **Talent Screener (Evalwatur tat-Talenti):** ir-riżultati tiegħek u tabella bil-piżijiet tal-mistoqsijiet, il-punti mogħtija għat-tweġibiet tiegħek u l-punteġġ totali tiegħek;
- **testijiet preliminari:** ir-riżultati tiegħek;
- **testijiet intermedji:** ir-riżultati tiegħek jekk ma tkunx fost il-kandidati mistiedna għall-fażi li jmiss;
- **fażi/ċentru ta' valutazzjoni:** jekk ma tkunx skwalifikat, il-passaport tal-kompetenza tiegħek li juri l-marki globali tiegħek għal kull kompetenza u l-kumment tal-bord tas-selezzjoni li jipprovi rispons kwantitattiv u kwalitattiv dwar il-prestazzjoni tiegħek fiċ-ċentru/fażi ta' valutazzjoni.

Bħala regola, l-EPPO ma jikkomunika lil kandidati l-ebda testi sors jew eżerċizzji tat-test, peress li dawn huma intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri. Għal ċerti testijiet, madankollu, f'ċerti eżerċizzjonijiet ikun jista' jippubblika t-testi sors jew eżerċizzji fuq is-sit web tiegħu jekk:

- it-testijiet ikunu tlestew;
- ir-riżultati jkunu ġew stabbiliti u kkomunikati lill-kandidati; u
- it-testi sors/l-eżerċizzji mhumiex intiżi biex jintużaw mill-ġdid f'kompetizzjonijiet futuri.

3.2.2. Informazzjoni fuq talba

Tista' titlob kopja **mhux ikkoreġuta** tat-tweġibiet tiegħek fit-testijiet bil-miktub fejn il-kontenut **mhux maħsub biex jerġa' jintuża** f'kompetizzjonijiet futuri. Dan jeskludi b'mod espliċitu tweġibiet għal studji ta' każijiet.

